# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111   Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt   Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-12-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 23 ta'Ottubru 2015 fis-6:00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**12/01** **Talba**

**12/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.00 p.m. billi ntqalet it-talba.

**12/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 11**

**12/02/01** Kien hemm korrezzjoni waħda fil-Minuti 11. Fil-paragrafu 11/07/01 għandha tidħol fir-raba paragrafu dan li gej:- "Il-Viċi Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li jekk hemm xi irregolarità għandu jsir rapport lill-Pulizija" Kien hemm qbil fuq il-korrezzjoni.

**12/02/02** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti kif ġew emendati.

**12/03** **Punti mtella' mill-Minuti 11**

**12/03/01** **Para 11/03/01:** Is-Sindku informa li r-Rapport tal-Perit dwar Triq il-Gnien qiegħed fi stadju avvanzat u jonqos ftit xogħol fuq mis-surveyor u stimi.

**12/03/02** **Para 11/03/02:** Is-S.E. informa lill-Kunsill gie nfurmat mid-DLG li l-Kunsill m'għandux għalfejn jibgħat lill-Green Procurement Department għall-permess, imma jiehu hsieb li jimxi ma' linji gwida.

**12/03/03** **Para 11/03/03:** Il-laqgħa mal-Assistent Kummissarju għadha pendenti u l-Kunsill ghadu qed jistenna għal data.

**12/03/04** **Para 11/03/05:** Ġie innutat li sar id-*double yellow line* fi Triq Santa Katerina.

**12/03/05** **Para 11/03/06:** Is-Sindku informa li hu kien ghamel kuntatt mal-Malta Public Transport rigward it-talba għall-kumpens għall-ħsara fuq crash barrier fi Triq Stiefnu Zerafa.

**12/03/06** **Para 11/03/014:** Saret it-talba lil TM biex issir trinka fi Triq tal-Balal biex l-Għaqda tal-Armar ikunu jistgħu jixgħelu l-arblu tal-bandiera.

| | |
|---|---|
| **12/03/07** | **Para 11/03/15:** Wara komunikazzjoni ma' TM ġie deċiż li ssir il-bankina kif mitluba minn TM fi Triq Mons L. Catania. |
| **12/03/08** | **Para 11/03/16:** Gew ipprezentati l-istimi tal-Perit tal-Kunsill għal servizzi tiegħu biex isir xogħol u pjanti preparatorji għal certi progetti. Iis-sindku propona li nibdew fl-opinjoni tieghu tajjeb li jkellna xoghol preparatorju lest, membri ohra fil-kunsill sostenew li m'hemmx ghafejn li dan isir. Ġie deċiż li ghalissa ma jsir xejn u dan ix-xogħol isir meta jinħarġu dawn il-fondi tal-Ewropa. Is-S.E. informa li kien sab ir-rapport dwar l-area ta' Zgharuna. Gie deciz li l-Perit jintalab jaghmel stima tax-xoghol mehtieg. |
| **12/03/09** | **Para 11/03/17:** Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien nsteraq xi materjal mill-Ġnien tal-Ponti fejn qed isir xogħol fuq il-koping tal-hitan. |
| **12/03/10** | **Para 11/04/02:** Saret it-talba biex issir laqgħa mal-ARMS. Għandha tintbaghat reminder. |
| **12/03/12** | **Para 11/05/02:** Wara diskussjoni ġie deċiż li jitpoggew żewġ bins kbar f'Top of the World kif ukoll issir aktar sorveljanza fuq it-tindif. |
| **12/03/13** | **Para 11/05/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bozza fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa ser terġa' teħel fejn kienet. |
| **12/03/14** | **Para 11/05/05:** Is-Sindku informa li kien gie deciz li t-tabella quddiem l-Ufficcju tal-PN ma issirx.<br><br>Il-Vici Sindku informa li hu kien ghadda d-dettalji tal-file dwar il-problema tal-gharghar fi Triq Zgharuna lis-Sindku. |
| **12/03/15** | **Para 11/05/06:** Il-pedestrian guards fi Triq Stiefnu Zerafa għadhom pendenti. |
| **12/03/16** | **Para 11/05/07:** Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill ma johrog l-ebda permessi nhar ta' Erbgħa ghal xogholijiet fi Triq Fidel Zarb. Ġie innutat ukoll li kien hemm drabi meta inghalqu toroq u l-Kunsill ma ghamilx avviz fil-Gazzetta tal-Gvern kif suppost. Ġie deċiż li l-permessi fi Triq Fidiel Zarb jinhargu biss bejn id-9.00am u t-3.00pm.<br><br>Rigward il-bollard li twahhlet minghajr permess fi Triq il-Gnien ir-resident issa kien talab li l-Kunsill jikteb sabiex jikseb il-permess ta' TM. Gie deciz li l-Kunsill ma jiktibx u jinforma lir-residenti li hu ghandu jikteb ghall-permess. |
| **12/03/17** | **Para 11/06/02:** Is-Sinjuri Giljan Aquilna, Mario Gauci u Christopher Fenech attendew għal-laqgha plenarja tal-Kunsillieri li saret fis-17 ta' Ottubru 2015. Id-diskors prinċipali kien jikkonsisti minn skart u fondi ewropew.<br><br>**Para 11/06/05:** L-Agent S.E. informa li l-objection lill-MEPA ghall-applikazzjoni ta' G.P. Construction Ltd kienet intbaghtet. |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

12/03/18

**Para 11/07/01:** Kien sar kuntatt mal-Perit tal-Gvern rigward ix-xogħol ħażin ta' konkos li sar fit-Triq tal-Ferħa.

Għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid tal-knis biex jiġu diskussi r-rotti.

Id-Dipt. Tax-Xogholijiet ghadu jrid jipprovdi stima sabiex isir culvert fi Sqaq Sofija.

Is-Sur Christopher Fenech irrimarka li hu ma ppunta subgħajh lejn ħadd u qatt ma allega li kien hemm xi irregolarita' fis-Searchlight Battery imma sempliċiment ġab għall-attenzjoni tas-Sindku li uffiċjali tal-GDP kien gew u ħadu ritratt tal-arloġġ tad-dawl.

12/03/19 **Para 11/07/02:** Ġie innutat li l-Facebook Page tal-Kunsill bdiet u qed tiġi amministrata mill-istaff u f'kasijiet ta' emerġenza mis-Sindku.

12/03/20 **Para 11/07/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li s-siġra li kien hemm fuq iż-żuntier ġiet imħawla f'Top of the World. Il-Kunsill innota u rringrazzja lid-Dipartiment tal-PARKS li taw 20 siġra lill-Kunsill biex jitħawlu fil-lokal dan wara li l-kunsillier Christopher Fenech kellem lill-Ministru Leo Brincat.

**12/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**12/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.*

**12/04/02** Il-Kunsill iddecieda li Pagament Numru 14 lil Charles Muscat jiġi temporanjament imwaqqaf sakemm isir il-verifika jekk għandux jitħallas mill-Kunsill jew mill-WD. Dan ghaliex il-Kunsill qatt ma kien approva li jsir dan ix-xoghol ghaliex ix-xoghol kollhu fuq il-bini tal-retaining wall fi Triq il-Gnien suppost sar minn TM.

**12/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**12/05/01** 18115027236599: Ġiet diskussa talba biex jitneħħa l-ewwel parking space fi Sqaq il-Ħofra minħabba problema ta' aċċess għal garage. Il-Kunsill ma qabilx izda iddecieda li issir kaxxa safra kif issoltu issir quddiem il-garaxxijiet.

**12/05/02** 18115020236603: Gie issuggerit li jitnehhew il-humps li huma imkissra fi Triq Sta Katerina u ninsistu li jsiru malajr humps tat-tarmak.

**12/05/03** 18115065236682: Talba minn resident fi Triq San Bartilmew biex jirranġa l-bankina quddiem il-garage tiegħu bi spejjeż għalih. Ġie deċiż li tiġi aċċettata din it-talba b'kundizzjoni li ma jagħmilx tarġa fil-bankina u li l-bankina issir kif suppost.

**12/05/04**

Is-Sindku tkellem fuq:

Is-servizz ħażin li l-Kunsill qed jieħu mill-kuntrattur tal-latrina. Għandha ssir laqgħa miegħu.

Sabiex tinxtara lapel badge għax l-oħra ntilfet. Il-Kunsill qabel.

Sabiex jiġi rranġat ħajt fi Triq Santa Katerina. Dan hu xoghol ta' TM u ghalhekk ghandha issir talba lil TM.

Suggeriment biex titwaħħal tabella "Give Way" fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill qabel li din isir.

Sabiex jitwaħħlu żewġ tabelli bl-għajnejn fil-Ġnien tal-Ponta bħala deterrent għal vandalizmu u rimi ta' skart. Il-Kunsill qabel kif ukoll ser jigi ikkunsidrat li jibda jkun hemm extra service ta' tindif nhar ta' Ħadd f'din iż-żona.

Sabiex titranga bankina fi Triq l-Isqof Gargallo. Gie deciz li r-resident jinghata l-materjal mehtieg halli hu jkun jista jirranġa l-bankina.

Sabiex tiġi rranġata parti minn bankina fi Triq Dun Karm Fenech. Għandha tinbagħat PO lid-Dipt. Tax-Xogholijiet

Sabiex ittwaħħal tabella Cul-de-Sac ohra fit-Triq li twassal ghall-post tan-nar. Il-Kunsill qabel.

Sabiex titwahhal bozza ġdida fi sqaq fi Triq il-Ġdida u tiġi shifted oħra. Gie deciz li jintalab il-permess ta' Enemalta.

Sabiex jsir double yellow line fejn iz-zebra crossing ta' Triq S Zerafa. Il-Kunsill qabel.

Sabiex tinzebagh junction box fil-by-pass ta' Birguma. Il-Kunsill qabel pero l-ewwel ser jigi ikkunsidrat kif ser tinghalaq din it-triq li tinsab fil-lokalita' tan-Naxxar.

Sabiex jitneħħa xi terrapien li hemm f'Top of the World. Għandha ssir site visit ghaliex aktarx dan qed iservi ta' lqugh ghat-triq.

Sabiex Triq Ferdinand issir One-Way. Ma kienx hemm qbil fuq din.

Sabiex Triq Excelsior issir One Way. Din għandha tiġi kkunsidrata 'l quddiem meta inkunu naf x'jahsbu r-residenti.

Għandu jintalab intervent tal-Pest Control Unit rigward in-numru eċċessiv ta' ħamiem salvaġġ li hemm fil-lokal.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**12/05/05** Is-Sur Mario Gauci tkellem fuq:

Sabiex jergghu jehlu l-guards li kien hemm quddiem il-gate tal-ground li kienet tnehhiet u issa hafna genituri jinsab inkwetati li jinqala xi incident. Il-Kunsill innota li din inqalghet mill-Gharghur Football Club. Gie deciz li din terga tehel.

Diversi ilmenti dwar problemi ta traffiku li qed ikun hemm fi Triq San Gwann ftit il-fuq mill-ground. Gie deciz li għandu jintalab parir minn TM rigward traffic management.

Ilmenti li dan l-ahhar is-servizz tat-trasport pubbliku mhux qed ikun frekwenti bhal qabel. Gie deciz li niktbu lil TM.

Suggeriment minn residenti sabiex parti minn Triq Mons L Catania bejn Triq Gargallo u Triq San Gwann tkun one-way mis-6.30am sat-8.30am ghaliex qed jitilghu hafna vetturi li imbaghad ikollhom problemi fi Triq San Gwann. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suggeriment ghaliex fi Triq Mons L. Catania hemm resident li ghandu garaxx u forsi ikun irid jghaddi mit-triq f’dak il-hin kontra d-direzzjoni ta’kif qed jigi propost li ssir one-way.

**12/05/06** Is-Sur Carl Grech ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li t-tabella tal-parkeġġ tad-diżabbiltà għadha ma saritx. Din għandha ssir fi żmien qasir. Hu ġab għall-attenzjoni wkoll li kien hemm xi lmenti li hemm xi fanali li huma maħlulin. L-Agent S.E. intalab isegwi.

**12/06** ***Korrispondenza***

**12/06/01** Ġiet innutata Memo 29/2015 fejn il-Kunsilli ser jiġu allokati aktar riżorsi umani fuq bazi temporanja.

**12/06/02** Kien hemm diskussjoni dwar korrispondenza tal-MEPA. Ġie deċiz li rigward PA 02642/15 tintalab site plan, rigward PA 1013/15 jintalab li jsir traffic impact assessment, dettalji ta kif hu mahsub li jsir ix-xoghol u kemm hu mahsub li jdum kif ukoll jekk it-toroq hux ser ikunu magħluqin waqt ix-xogħol u x'traffic management għandu jsir. Rigward PC 0037/15 għandu jintalab aktar informazzjoni rigward it-tibdil tal-alignment li hu propost li jsir.

**12/06/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Pio Farrugia rigward ingaġġ ta' ħaddiema fl-iskemi bħala impjegati regolari fil-Kumitati Reġjonali u Kunsilli Lokali.

**12/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinjura Marisa Marmara rigward Measure 125 – Providing better access to farmers. L-Agent S.E. intalab isegwi halli ma jintilfux il-fondi.

**12/06/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Joe Attard (GreenMT) u r-risposta tas-Sindku.

Gie deciz li l-Kunsill ikompli jinsisti li jithallas l-ammonti dovuti li issa ilhom pendenti ghal diversi xhur.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**12/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**12/07/01** Is-Sindku tkellem fuq:

Sar leaflet li tqassam lir-residenti biex jintroduċi l-Facebook Page tal-Kunsill.

Ġie deċiż li tintalab laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing, mas-Segretarju Parlamentari Ian Borg rigward fondi ewropew u mas-Segretarju Parlamentari Michael Falzon rigward is-Search Light Battery.

Issuggerixi li niktbu lill-MEPA biex jibdew jinsistu fl-applikazzjonijiet il-ġodda, sabiex kull unit residenzjali jkollhu mill-inqas żewġ spazji tal-parkeġġ.

Ġie deċiż li jibdew jsiru laqgħat mar-residenti. Għandha ssir l-ewwel laqgħa fuq it-tindif fil-lokal.

Għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti fil-viċinanzi tal-Ġnien ta' Zagħruna rigward l-embellishment ta' dan il-ġnien.

Kien hemm diskussjoni rigward talba minn ħaddiem assenjat mal-Kunsill biex jingħata kumpens għal fuel li juża. Ma kienx hemm qbil fuq din.

Għandha ssir talba lil TM biex jitneħħew il-blokok tal-konkos li huma kien poggew fi Triq il-Ġnien.

Ġie deċiż li t-tiżjin tal-Milied jinxtegħlu mill-4 ta' Diċembru 2015 sas-6 ta' Jannar 2016. Is-Sindku spjega li dan l-armar ser isir mis-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew u l-hlas mitlub hu bhal tas-sena l-ohra.

Li jigi ikkunsidrat li waqt Jum Hal Gharghur jibda jinxtara xi nar tal-ajru. Ser isiri diskussjonijiet dwar dan mal-Ghaqda tan-Nar. L-importanti li dan ikun kopert bil-permessi mehtiega.

Kien hem qbil li s-sindku jsir ir-raprezentant tal-kunsill fi hdan ir-regjun tramuntana. Barra minnhekk il-kunsill qabel li s-sindku jiehu that jdejh ukoll il-programmi tal-EU.

Kien hemm qbil unanimu li tkompli l-laqgħa wara li għaddew tliet sigħat fid-9.00pm.

**12/07/02** Is-Sindku kompla billi :

Informa lill-Kunsill li għad trid issir laqgħa mar-resident rigward il-kanal ta' Triq il-Ġnien.

Peress li kienu dahlu xi ilmenti dwar il-culvert li sar mill-Gvern fi Triq San Ġwann hu kien gie infurmat mill-Perit li x-xoghol ma sarx skont il-pjanti approvati mill-MEPA. Jekk pero jirrizulta li l-culvert mhux qed ikun effettiv huma ser jiehdu mizuri ohra biex tissolva l-problema.

Proposta biex is-Searchlight Battery tinghata lil privat. Is-Sindku qal li hu kellhu 3 proposti li ilkoll kienu lesti li jaghmlu x-xoghol mehtieg biex jitranga l-post u wara jibdew juzaw huma. Il-kunsill qabel l-ewwel ghadna nitkellmu mal-Ministru Micheal Falzon fuq kif l-ahjar li jsir u rigward ix-xoghol ta' restawr il-kunsill iddecieda li ssir talba lir-Restoration Unit tal-Gvern sabiex huma jaghmlu xogħol ta' restawr fis-Searchlight Battery.

**12/07/03** Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill li:

L-attività tat-13 ta' Dicembru 2015 ser issir fil-Knisja Parrokjali minflok fil-Kappella, minħabba li l-Kappella kienet ser tkun żgħira ħafna. Din għandha sservi bħala fund raising għal CCF. Hemm possibbiltà li tattendi l-President ta' Malta għal din l-attività.

Ser ssir ħarġa kulturali fl-24 ta' Novembru 2015 għall-Palazz tal-Inkwiżitur.

Rigward l-information board, din ser issir fejn il-Kappella tal-Madonna taż-Żellieqa minflok fejn iż-żuntier tal-Knisja.

Kien hemm qbil li jitqiegħed bott fl-ufficcju tal-Kunsill biex jingabru donazzjonijiet ghal-CCF.

**12/07/04** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li:

Fuq Family Resource Centre li hu mahsub li jsir fejn qabel kien l-ufficcju tal-Kunsill. Gie deciz li għandu jiġi nfurmat il-GPD dwar dan kif ukoll issir applikazzjoni biex jinqaleb l-arloġġ tad-dawl minn fuq il-Kunsill. Ġie deċiż ukoll li l-għamara li hemm tinġarr għas-Search Light Battery. Hu qal set ċwievet tal-Kunsill l-antik ser jinghataw biex ikun jista jibda x-xoghol għall-użu tal-Family Resource Centre.

Talba biex ssir kaxxa safra quddiem garage fi Triq Dun Karm Fenech. Il-Kunsill qabel.

Il-Coffee Morning li jmiss ser issir fl-10 ta' Novembru 2015 u ser jattendi uffiċjal tal-Health Promotion biex jagħmel talk.

Kien hemm qbil li jsir Party tal-Milied għall-anzjani fid-9 ta' Diċembru 2015 fil-każin tal-banda.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**12/07/05** Is-Sur Carl Grech ressaq lista ta' persuni biex jidhlu fis-Sotto Kumitat tal-Anzjani u Persun bi bżonnijiet speċjali. Kien hemm oġġezzjoni fuq persuna waħda minn din il-lista mis-Sur Mark Azzopardi u mis-Sur Mario Gauci. Wara diskussjoni ġie innutat li fil-Kunsill kemm ilhu imwaqqaf dejjem kien hemm il-ftehim li l-persuni li jintghazlu biex iservu f'xi wiehed mis-Sotto Kumitat ghandhom ikollhom l-appogg tal-Kunsillieri kollha. Is-Sur Carl Grech ippropona li dan l-arrangament jinbidel halli membri fis-Sotto Kumitati ikunu jistghu jiġu approvati b'sempliċi maġġoranza. Kien hemm 3 Kunsillieri favur u 2 kontra. Fuq il-lista li ressaq is-Sur Carl Grech, kien hemm 3 favur u 2 kontra.

**12/07/06** Is-Sur Mario Gauci ipprezenta kopja tal-Avviz Legali 504.83 li jistipula kif ghandhom jinbnew hoarded structures (Art. 3 it-Tieni Skeda) kif ukoll li jghid li sabiex jitqieghed materjal tal-bini etc. fuq art pubblika jenhtieg il-permess tal-Kunsill. Meta mistoqsi hu qal li dan l-Avviz Legali kien gabu minghand il-Monitoring Unit pero peress li hu parti mill-Ligijiet ta' Malta hu dokument pubbliku. L-Agent S.E. intalab jgib dan l-Avviz Legali ghall-attenzjoni tad-DLG u jerga jitlob kjarifika.

**12/08** **Aġġornament**

**12/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-9.50 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru 2015 fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |